6 ta' Novembru, 1954

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Melita Camilleri

**Perikolu fil-Bini — Ubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija — Urġenza — Art. 18 tal-Kap. 13, u art. 352(cc) tal-Kap. 12**

*Min jiġi avżat mill-Pulizija biex ineħħi l-perikolu li jkun jeżisti f'bini, ma hux ħati tar-reat konsistenti fin-nuqqas ta' rimozzjoni ta' dak*

*il-perikolu taħt il-Liġijiet tal-Pulizija, meta dak il-perikolu jkun għan-nies li joqgħodu fil-bini, u mhux għall-passanti; imma hu ħati ta' diżubbidjenza għal ordni leġittimu tal-Pulizija taħt il-Liġijiet Kriminali.*

*L-element ta' l-urġenza tal-perikolu f'każ simili għandu jiġi nterpretat fis-sens li hu biżżejjed li jkun hemm perikolu li jista' jiġi disgrazzja.*

Il-Qorti: — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmija Camilleri talli f'dawn il-granet, għalkemm ġiet avżata bil-miktub mill-Pulizija, naqset li tneħħi l-perikolu li jeżisti f'numru 147 St. Joseph Street, Raħal Ġdid, li huwa proprjetà tagħha, u li hu perikoluż għal min joqgħod fih;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Settembru, 1954, li biha dik il-Qorti sabet l-imputata mhux ħatja u lliberatha: billi kkunsidrat illi mill-provi rriżulta illi l-perikolu huwa għall-inkwilin u mhux għall-passanti, u li għalhekk l-art. 18 Kap. 13 ma japplikax, u illi, kif ġie deċiż fil-kawża "Il-Pulizija vs. McKean", fit-3 ta' Novembru 1930 (Qorti Kriminali), *f'dawn il-każi l-intervent* tal-Pulizija jrid ikun determinat minn ċirkustanzi gravi u urġenti, li fil-fatt ma jirrikorrux, u għalhekk l-art. 352 (cc) Kap. 12 ma japplikax;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella fuq punt ta' liġi mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u l-imputata tiġi konvinta u kundannata skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, għalkemm mhux applikabbli l-art. 18 Kap. 13 Ediz. Riv., għax il-perikolu *jirrigwarda lill-inkwilin u mhux lill-passanti*, hu però applikabbli l-inċiż (cc) tal-art. 352 tal-Kap. 12, fis-sens li hemm diżubbidjenza għal ordni leġittimu tal-Pulizija (ara App. Krim. "Pul. vs. Palermo Navarra", 17 ta' Ottubru 1928);

Apparti li ċ-ċirkustanzi tal-każ li jifforma l-meritu tas-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti kienu mhux għal kollox l-istess, hu ta' min josserva wkoll li l-element tal-urġenza tal-perikolu, rikjest minn dik is-sentenza, jirrendi kważi impos-

sibbli l-intervent tal-Pulizija f'każijiet simili; għax għalkemm persuna teknika tista' tgħid b'sikurezza li jeżisti l-perikolu, li vvoldieri tista' tiġri xi disgrazzja jekk ma jsirx xi rimedju, ma hux faċili li tgħid jekk il-perikolu hux sejjer jittramuta ruħu f'disgrazzja fi żmien qasir, jew fi żmien twil; u għalhekk il-Pulizija jkollha tistenna talment li l-effetti tal-intervent tagħha jistgħu jiġu newtralizzati, għaliex sadattant ikun hemm irriskju li dak li kien perikolu jsir, minflok, disgrazzja attwali. Għall-prattiċità ta' dak l-intervent, u għall-inkolumità tal-publiku, għandu jkun biżżejjed li jiġi pruvat li "verament jeżisti perikolu li jista' jġib disgrazzja". Dan ġie pruvat f'dan il-każ;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, u wara li rat l-art. 352 (cc) u 389 (3) Kap. 12, tikkundanna lill-appellata għallpiena tal-ammonizzjoni u riprensjoni; u tordnalha li tneħħi l-perikolu fi żmien ġimgħatejn, taħt il-penalità ta' 10s. kull jum għal kull ġurnata li jdum il-perikolu oltre dak it-terminu.